MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 300/2004

**Joseph Felice**

**Vs**

**Patrick Debono**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm720) rapprezentanti somma flus li thallset lill-konvenut kwantu ghax-xoghol ta' kostruzzjoni li baqa' ma sarx fil-fond 'Villa Ta' Bistra' fil-Mosta, hekk kif ordnat mill-attur lill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante li l-konvenut ma thallasx ta' l-ebda xoghol li ma sarx. Illi l-Perit inkarigat mill-attur ghamel stima ta' xoghol li ma rahx isir u fuq il-mozzjoni nkorretta u moghtija mill-istess attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda ta’ Joseph Felice, Clement Azzopardi, Patrick Debono, Charles Debono, Simon Cachia, Perit Mannie Galea u Joseph Sammut.

Ra d-dokumenti esebiti fl-atti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi l-attur kien inkariga lill-konvenut biex jaghmel xoghol fuq il-proprjeta’ tat-tifla tieghu, Lydia Felice, u cjoe’ l-‘Villa Ta’ Bistra’, fil-Mosta. Kellu jibni xi hitan, jaghmel xi balavostri u kamra ta’ WC. L-attur tah elfejn mitejn u sittin lira Maltin (Lm2,260) u x-xoghol sar, izda wara li sar ix-xoghol, il-Perit kejjel ix-xoghol u skond il-kejl il-kont gie elf hames mija w erbghin lira Maltin (Lm1,540) u ghalhekk ipprezenta l-kawza biex jiehu lura z-zejjed li jghid li hallas. Ghar-rigward tal-bini tal-hajt dan kellu jithallas bil-wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm21) il-qasba u ghar-rigward tal-balavostri sitt liri Maltin (Lm6) il-pied. Ghar-rigward tal-hajt l-iehor ma kienx hemm ftehim fuq prezzijiet. Lanqas ma kien hemm ftehim fuq il-prezz tal-kamra ta’ WC. Huwa qieghed jistrieh fuq l-istima li ghamillu l-Perit.

A fol 17 tal-process, Dok CA, hemm esebit il-kejl u stima maghmul bil-firma tal-Perit Joseph Falzon per effettivament xehed Clement Azzopardi li qal illi dan id-dokument gie mhejji minnu u l-Perit kullma ghamel kien li ffirma l-istess dokument. Clement Azzopardi qal li huwa mar fuq il-post fuq inkarigu tas-Sur Felice u ghar-rigward tal-pedamenti huwa ma setax jara x’kien hemm u strah fuq li kien qallu l-attur. Huwa kien kejjel biss ix-xoghlijiet li seta’ jara b’ghajnejh. Huwa ma ra l-ebda kuntratti u lanqas ma kien ra l-kont li hargu l-bennejja. Wara li hareg il-kont gie jkellmu bennej minnhom u qallu li fil-kont li hejja hu kien halla xi affarijiet barra u Clement Azzopardi wiegeb li jekk halla xi affarijiet barra dan kien gara ghaliex is-Sur Felice ma kienx semmihomlu.

Ghar-rigward tal-provi tal-konvenut, il-konvenut xehed li huwa kien ghamel ix-xoghlijiet in kwistjoni u spjega fid-dettall l-entita' tax-xoghlijiet minnu maghmula u cjoe' kien hemm hajt twil ta' l-appogg fejn ghamel il-pedamenti u mbaghad tella' hajt dobblu bil-konkos fin-nofs. Minbarra dan il-hajt ghamel xoghol ta' balavostri, twaqqigh ta' hajt ta' sebghin pied (70") u bini ta' kamra li fiha hames piedi b'hames piedi (5" x 5") u pilastri fuq barra taz-zonqor. Huwa ghamel xoghol ta' bankina ta' mija u hamsin pied (150") bil-kurduna b'kollox. Tella' wkoll hajt iehor li huwa tnejn u ghoxrin pied (22") fuq il-fil u sittax-il filata gholi. Inoltre, waqt li qed isir ix-xoghol, kien hemm karozza li habtet gol-hajt tal-*front garden* u ghamel xoghlijiet ta' riparazzjoni ta' dan il-hajt fuq stima ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

Il-konvenut jikkontesta l-kont imhejji minn Clement Azzopardi u fil-fatt ipprezenta kont redatt mill-Perit tieghu l-Perit Mannie Galea u dan il-kont igib valur ta' elfejn seba' mija u tmienja u sittin lira Maltin u disgha w erbghin centezmu (Lm2,768.49c). Il-Perit Mannie Galea xehed u kkonferma l-istess dokument bil-gurament izda afferma li huwa ghamel l-istess kont a bazi ta' informazzjoni moghtija lilu mill-konvenut.

Xehed ukoll Simon Cachia li kkonferma konsenja ta' konkos fuq il-post in kwistjoni u xehed ukoll Joseph Sammut, prodott mill-konvenut, li ghamel ix-xoghol ta' balavostri u hnejjiet. Huwa effettivament kien hadem il-balavostri u l-pilastri fuq inkarigu ta' l-attur, pero' zied jghid li fil-kors tax-xoghlijiet kien kellmu l-attur u staqsieh jekk rata ta' sitt liri Maltin u hamsin centezmu (Lm6.50c) kull pied jimxi ghat-tqeghid tal-balavostri kienetx rata tajba u kien wiegeb illi jekk ix-xoghol qieghed jinhadem fit-tond, il-konvenut ma kienx qieghed jehodlu hafna b'din ir-rata.

Effettivament it-Tribunal jidhirlu li l-vertenza bejn il-partijiet qamet billi meta saru l-konteggi mill-Periti rispettivi, dan ma sarx fil-prezenza taz-zewg partijiet.

Iz-zewg stimi, kemm dik maghmula mill-attur kif ukoll dik maghmula mill-konvenut, saru mhux min-nies li kienu

nkarigati waqt il-lant tax-xoghol, izda *ex post facto*. B'danakollu t-Tribunal jidhirlu li l-istima maghmula mill-konvenut tinsab korraborata mix-xhieda ta' Simon Cachia, Joseph Sammut u dokumenti PD2 u PD3. Inoltre, jekk wiehed jaghmel paragun, bejn l-istima maghmula minn Clement Azzopardi Dok CA u l-istima maghmula mill-Perit Mannie Galea, huwa evidenti li hemm xi affarijiet li Clement Azzopardi ma nkludiex fil-kont tieghu. Hekk per ezempju jirrizulta pruvat illi r-rata miftiehma bejn il-partijiet fuq il-balavostri kienet bis-sitt liri Maltin u hamsin centezmu (Lm6.50c) ghal kull pied jimxi u mhux bir-rata ndikata minn Clement Azzopardi minn Dok CA biex b'hekk il-kont ta' Azzopardi ghandu jizdied bis-somma ta' mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm132).

Inoltre, ghar-rigward tal-konkos, Clement Azzopardi ghamel stima ta' wiehed u tmenin lira Maltin (Lm81) meta fil-fatt jirrizulta li l-konvenut uza ferm iktar mill-konkos kif indikat minn Azzopardi u minn ezami tad-dokumenti rispettivi, t-Tribunal hu sodisfatt li hemm avarija ta' vicin is-sitt mitt lira Maltin (Lm600).

Hemm divertenzi ohrajn fir-rigward tal-hajt (*boundary wall*) u affarijiet ohra fl-istess kontijiet izda t-Tribunal jidhirlu li minn rizultanzi fuq imsemmija, diga' l-ammonti jissuperaw l-ammont pretiz mill-attur u konsegwentament, ghal fini ta' din il-kawza m'hemm l-ebda utilita' ulterjuri li t-Tribunal jindaga iktar.

Illi huwa evidenti mill-premess li l-ammont ta' elfejn mitejn u sittin lira Maltin (Lm2,260) li thallas mill-attur lill-konvenut, jirrapprezenta xoghol u materjal attwalment ipprovdut u l-probabbilta' hija illi fil-fatt hawn tittratta ta' *underpayment* izda dan l-aspett m'huwiex fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal li jindaga oltre.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba ta' l-attur billi jirrizulta mill-provi prodotti li l-hlas li sar mill-attur lill-konvenut jirrapprezenta parti mill-valur li attwalment gie pprovdut mill-konvenut fl-inkarigu in kwistjoni u ghalhekk ma kienx hemm *overpayment* u konsegwentament, it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-

ispejjez b'riserva *si et quatenus* ghall-konvenut dwar kull pretenzjoni ulterjuri li jista' jidhirlu li jista' jkollu fil-konfront ta' l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------